MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2007

Numru 630/2005

Il-Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)

vs

Maher Navel Elmetni

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat Maher Navel Elmetni detentur ta’ passaport Libjan h105959.99 u licenzja ta’ sewqan Maltija 0008450F, akkuzat talli fil-lejl ta’ bejn it-22 ta’ Lulju u t-23 ta’ Lulju 2005 gewwa Paceville San Giljan;

Ingurja, ghadda jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li ikun ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuu kontra l-Ligi f’esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza b’vjolenza jew b’hebb ta xorta li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni mghoti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi filwaqt ta’ l-attakk u rezistenza uza arma regolari jew kellu fuq il-persuna tieghu minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghin dak l-attakk jew rezistenza.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma xafra ta’ mus minghajr ma kellu licenzja tal-Pulizija.

Fl-istess data, hin u cirkostanzi irrifjuta jaghti, jew ta falz lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu, ismu, kuljomu, fejn joqghod u partikularijiet ohra.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament mhux opposta.

Ezaminat ix-xhieda li nstemghet.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema ammissjoni huwa baqa jinsisti fuqha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 98, 338(ee) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 13 tal-Kap 66 tikkundanna lill-imputat sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendihom ghal sentejn mill-lum sakemm l-imputat ma jikkommettiex reat iehor f’dan iz-zmien tal-perjodu operattiv oltre Lm25 ammenda li ghandha tithallas minnufih jew fin-nuqqas konvertibbli f’hames t’ijiem prigunerija.

Il-Qorti spjegat ir-responsabiltajiet tal-imputat skond din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------